MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 626/2009

**Pace and Mercieca Ltd. (C-3738)**
**Vs**
**Mark Brincat (K.I. 503694M) u**
**martu Rita Brincat (K.I. 254473M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€837.82) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' import ta' *cheque* li ma giex onorat mill-Bank. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ Rita Brincat fejn eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez, fil-konfront tal-konvenuta Rita Brincat stante li hija ma kinetx firmatarja ghac-cekk mertu ta’ din il-kawza w inoltre hija m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Inoltre, kwalsiasi ammont li l-konvenut Mark Brincat jista’ jigi kkundannat ihallas m’ghandux jithallas mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti stante li l-konvenuta Rita Brincat qatt m’ awtorizzat tali hlas.

Ra li l-konvenut Mark Brincat debitament notifikat qatt ma deher ghas-seduti u lanqas ma pprezenta risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Alexander Mercieca, ghas-socjeta attrici, u ta’Audrey Ghigo rapprezenata ta’ HSBC Bank prodotta mis-socjeta attrici.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Rita Brincat.

Ra l-atti kollha w d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Sema’ t-trattazzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta attrici u l-konvenuta Rita Brincat.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar it 08 ta’ Frar, 2012 li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Illi in forza tal-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici qieghda titlob minghand il-konveuti Mark u Rita Brincat is-somma ta’ tmien mija u sebgha u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€837.82) li huwa il-bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija li inxtara mill-konvenut Mark Brincat u li ghalih kien hareg cekk fl-ammont totali ta’ disa’ mija sebgha u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€987.82) (cekk numru 1306 datat 15 t’April 2008 li jinsab a fol. 44 tal-process).

Illi mill-provi jirrizulta li c-cekk ma giex imsarraf ghaliex il-konvenut Mark Brincat ma kellux fondi fil-bank. Wara li dan ma ssarrafx l-istess konvenut Mark Brincat kien hallas

l-ammont ta’ mija u hamsin ewro (€150) inkontanti lis-socjeta’ attrici. Pero’ l-bilanc u cjoe l-ammont tat-talba odjerna baqghet ma thallsitx.

Illi t-Tribunal innota illi, da parti taghha, l-konveuta Rita Brincat mhiex qed tikkontesta l-ammont dovut, izda biss il-fatt li, skont hi, ma kellha x’taqsam xejn mad-dejn ghaliex dan sar unikament mir-ragel taghha, minghajr l-awtorizzazzjoni taghha, u peress li huma jinsabu separati *de facto* minn xulxin.

Hareg mix-xhieda tal-konvenuta Rita Brincat li hi u r-ragel taghha ilhom separati *di facto* dawn l-ahhar erba’ snin u li ghadejjin bil-proceduri tas-separarazzjoni. M’huwiex car pero illi jekk fiz-zmien meta ha il-merkanzija u hallas ghalih permezz ta’ cekk jekk kienx diga hemm proceduri ta’ separzzajoni ghaddejjin.

Illi madankollu, u ghalkemm jidher illi d-dejn huwa konness max-xoghol tar-ragel, xorta wahda l-konvenuti fis-sena 2008 kienu ghadhom mizzewgin u anke li sal-gurnata tal-lum il-kommunjoni tal-akkwisti ghadu mhuwiex xolt. Ghalhekk huwa car li d-dejn huwa dejn gravanti fuq il-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk resposabilita’ tat-tnejn.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt illi jilqa’ t-talbiet attrici u jichad l-eccezjonijiet tal-konvenuta Rita Brincat, jikkundana lill-konvenuti Mark u Rita Brincat ihallsu s-somma ta’ tmien mija tlieta u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€873.82) bl-imghaxijiet kif mitlub fl-avviz. L-ispejjez kollha ta’ din l-istanza ghandhom jigu sapportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------